# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza tas-16 ta' Ottubru 2023**

**Talba nru. 100/2022**

**DR. ROBERT MUSUMECI**
**(KI 29674M)**

*VERSUS*

**JEAN PAUL BUSUTTIL**
**(KI 102172M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talbaipprezentat fil-11 t'April 2022 l-attur talab sabiex dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' tlett elef mija u tlieta u sittin Ewro (Eur 3,363.00) flimkien ma' l-ispejjez ta' l-ittra ufficcjali bin-numru 416/22 rapprezentanti dritijiet professjonali dovuti lilu fuq xoghol esegwit.

Ra illi l-konvenut ipprezenta risposta fl-20 ta' Mejju 2022 (Fol.10) fejn fiha eccepixxa illi preliminarjament il-konvenut mhuwiex il-legittimu kontradittur stante illi l-kreditu ghal servizzi professjonali mitluba mill-attur ma sarux lilu fil-kapacita personali tieghu. Minbarra dan, l-ammont mitlub huwa ferm esagerat u li l-ammont mitlub mhuwiex ezegwibbli.

Ra illi fid-dawl ta' l-eccezzjoni preliminari, t-Tribunal ordna li jigu invertiti l-provi.

Sema x-xhieda ta' l-attur, tal-konvenut, Carlo Mifsud u Josef Azzopardi.

Ra d-dokumenti prezentati.

Ra noti ta' sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri.

Ra illi din it-talba thalliet ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari.

Provi

Illi fl-ewwel udjenza tat-30 ta' Novembru 2022 xehed Carlo Mifsud prodott mill-konvenut illi stqarr illi huwa jokkupa l-kariga ta' direttur ezekuttiv ma Luxury Living Technologies. Ix-xhud jghid mill-ewwel illi s-socjeta li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur ezekuttiv maghha kienet qabbdet lill-attur "*biex tiehu hsieb applikazzjoni li konna se naghmlu fuq propjeta li ghandna bhala parti mill-grupp go San Giljan.*" (Fol.16A) Isostni li kienet il-kumpannija Luxury Living Technologies li qabbdet lill-attur sabiex jezegwixxi xoghol. Ix-xhud jispjega illi kien hu maggorment illi tkellem ma' l-attur fuq il-pjanijiet u x-xogholijiet li kien hemm bzonn isiru. Jghid ukoll illi wara l-laqgha li kellu ma' l-attur, sussegwentament it-tahdidiet kienu jsiru b'emails.

Ix-xhud mistoqsi in kontro ezami jekk kienx gie mqabbad mill-konvenut sabiex jaghmel komunikat ma' l-attur, wiegeb li "*kont tkellimt ma' Jean Paul u qalli nsib perit li jkun jista jghina.*" Il-konvenut huwa direttur flimkien max-xhud. Ikompli jghid illi, "*kienet miftiehma bejnietna f'diskussjonijiet fuq bhala Bord tad-diretturi. . . . ahna diretturi li niltaqghu kuljum, u ftehmna bejnietna li jien ghandi nigi nkellem lilek.*" (Fol.16B) Ix-xhud ikompli jghid illi, l-propjeta kienet tal-konvenut izda kienet qed tigi operata mis-socjeta Luxury Living Technologies.

Fis-seduta ta' 19 ta' Jannar 2023, kompla jixhed ix-xhud Carlo Mifsud fejn qal:- "*Mela f'dan kollu hemm zewg affarijiet; jiena ufficjal tal-kumpannija, jigifieri ma nirraprezentax persuni. It-tieni li meta ntbaghat. . . intbaghtet email biex jintalbu d-dettalji. . . kien xi ftit Euros il-Planning Authority, jiena naf li kull meta tapplika jrid ikun hemm persuna jidher. Jigifieri kumpannija ma tiffirmax; xi hadd jiffirma ghan-nom tal-kumpannija, u ghalhekk ghamilna . . . minn Jean Paul, imbaghad wara kien hemm kjarifika li hija Busuttil, u care of Luxury Living Technologies, u li qieghda fuq l-ewwel page. Imbaghad meta talbuna naghmlu l-pagament, il-pagament li hemm kopja tieghu fl-ahhar page, hareg mill-kont ta' Living Luxury Technologies.*"

Fl-udjenza tas-27 ta' Frar 2023, xehed il-konvenut li jghid illi fuq din l-applikazzjoni ma' l-attur ma jaf kwazi xejn. Jghid illi "*jiena l-proprjetarju tal-fond tal-post imma l-propjeta mikrija lil Luxury Living Technologies li hija kumpannija minn tieghi, u dan il-process kollu huwa mmexxi minn wiehed mid-diretturi tal-kumpannija*." (Fol.26) Muri l-korrispondenza ipprezentata mix-xhud Carlo Mifsud, il-konvenut jghid illi ma jafx il-kontenut taghhom u ma jafx bihom.

Il-konvenut ikompli jghid illi, "*Mela naf li ghandna a subsidiary operation tal-kumpannija li huwa responsabbli taghha Carlo Mifsud. Naf illi ghandna hostel, naf illi din il-hostel parti minna qieghda topera, parti minnha ghada mhix qed topera*." Ix-xhud tul ix-xhieda tieghu jibqa jinsisti illi ma jaf xejn fuq il-mertu tal-kawza u li qatt ma tkellem ma' l-attur.

L-attur xehed permezz ta' affidavit fejn ighid, "*jiena gejt avvicinat minn Carlo Mifsud fejn indikali li kien qed jidher ghan-nom ta' Jean Pail Busuttil sabiex inhejji proposta ta' zvilupp li kienet tikkonsisti . . . .*" *Fl-affidavit tieghu, l-attur ighid hekk, "At one point, lil Carlo Mifsud tlabtu biex idderigi lill-mandant tieghu Jean Paul Busuttil jiffirma l-formola stabbilita tal-Lands Authority . . ."*

Fl-affidavit, totalment intempestivament, l-attur jiccita decizjoni fl-ismijiet "Darren Borg et vs Geomike Limited et" moghtija mill-Qorti ta' l-Appell, fit-12 ta' Lulju 2019 partikolarment il-paragrafu, "*Il-prezunzjoni legali hija li bniedem jikkontratta ghalih inniffsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikahx espressament, it-terz ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Hekk il-gurisprudenza tghallem,*

*illi meta kontraenti ma jiddivulgax lill-kontraenti l-iehor fil-mument tal-kontrattazzjoni illi n-negozju kien qed jaghmlu f'isem kunpannija, hu prezunt li hu kien qieghed hekk jukkuntratta f'ismu personali*."

Xehed ukoll permezz ta' affidavit Josef Azzopardi, chief architectural draughtsman flimkien ma' l-attur. Fl-affidavit tieghu ighid, "*Jiena kont involut fix-xoghol li kien talab li s-sur Carlo Mifsud ghan-nom ta' Jean Paul Busuttil*." Ikompli ighid, "*wara diskussjonijiet varji ma' Carlo Mifsud, bghatt il-proposti li kienu jinkludu plans, elevations . . .*" Jghid illi "*Carlo Mifsud kien l-interlokutur bejn l-applikant Jean Paul Busuttil u l-ufficcju taghna*." (Fol.46).

Fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2023, saru l-kontro ezamijiet ta' l-attur u ta' Josef Azzopardi fejn l-attur bl-aktar mod car ighid, ". . . *le qatt ma kellimtu personali*", b referenza ghall-konvenut. (Fol.78) L-istess iwiegeb ix-xhud Josef Azzopardi u jzid li mieghu kien jikkomunika biss Carlo Mifsud. Ix-xhud ighid li Jean Paul Busuttil kienet il-persuna li fuqu saret l-applikazzjoni mal-Planning.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi dan it-Tribunal irid jikkunsidra l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut u cioe li huwa mhuwiex il-legitimu kontradittur ghal din it-talba attrici stante illi qed jallega illi l-kreditu ghal servizzi professjonali mitluba mill-attur ma sarux minnu.

Illi l-attur bhala linja difenzjonali tieghu jghid illi minkejja li huwa dejjem tkellem ma' Carlo Mifsud, dan qatt ma qallu illi l-applikazzjoni kienet qed issir f'isem kumpannija u mhux ghan-nom ta' Jean Paul Busuttil.

Illi l-attur fl-affidavit tieghu jiccita decizjoni fl-ismijiet "Darren Borg et vs Geomike Limited et" moghtija mill-Qorti ta' l-Appell, fit-12 ta' Lulju 2019. Illi in linea ma' dak l-insenjament citat, dan it-Tribunal jirrileva li l-unika persuna li kien kontraenti ma' l-attur kien Carlo Mifsud u mhux Jean Paul Busuttil.

It-Tribunal ma jaqbilx ma' l-argument ta' l-attur illi l-unika referenza li saret ghal kumpannija kienet meta gie indikat lilu fejn kellha tintbaghat il-korrispondenza postali ghaliex dan ma kienx l-unika darba li dehret l-isem tal-kumpannija. Primarjament il-korrispondenza u d-diskussjonijet dejjem saru minn Carlo Mifsud. Issa l-istess Carlo Mifsud anke f'kull email li kien jibghat kien imnizzel bhala direttur tas-socjeta Luxury Living Technologies. Minbarra dan, il-pagament li sar permezz ta' bank transfer sar ukoll mill-istess socjeta. (Fol.24).

It-tezi ta' l-attur illi l-konvenut kellu jwiegeb ghal dan il-kreditu, hija naxxenti minn teorija li ma ssib l-ebda bazi u cioe illi il-konvenut kien il-mandant u Carlo Mifsud kien qed jezewgwixxi xi ordnijiet . Minkejja li l-attur ighid a Fol.33 li "*ghax kien dan Busuttil li nkariga lil Carlo Mifsud jagixxi ghalih*." ,din ma tohrog minn imkien mill-provi prodotti. Pjuttost illi l-kontra gie ppruvat, illi Carlo Mifsud dejjem ha hsieb kollox hu ghan-nom tal-kumpannija u li la l-attur u lanqas il-haddiem tieghu qatt ma tkellmu jew kellhom xi inkontru mal-konvenut. Il-konvenut jissemma darba biss meta Carlo Mifsud talbu sabiex jiffirma l-applikazzjoni bhala wiehed mid-diretturi ta' l-istess kumpannija li kienet qed titlob is-servizzi ta' l-attur.

Mid-dokumentazzjoni prezentata mill-konvenut, jidher illi mill-korrisponedenza dejjem saret bejn Carlo Mifsud ghan-nom ta' Luxury Living Technologies. Il-korrispondenza a fol.21 li hija email minn Carlo Mifsud lill-attur u haddiema tieghu jinghad hekk, "*Dear Josef, Further to our meeting we would like to proceed with engaging your firm for the application with the PA. . . . . can you please advise and give us a quotation for your services on the way forward you would suggest*."

Illi r-Regolament 6 tal-Leġislazzjoni Sussidjajrja 380.01 jipprovdi s-segwenti:

"(1) Jekk il-konvenut jidhirlu li għandu jkun ħadd ieħor li jħallas it-talba, huwa għandu jindika fir-risposta tiegħu min hi dik il-persuna l-oħra li għandha tħallas it-talba kollha jew parti minnha.

(2) Il-konvenut għandu permezz tat-Tribunal jinnotifika lil terzi:

(a) b'kopja tat-talba; u (b) b'kopja tar-risposta tiegħu; u (ċ) b'avviż lil terzi; u (d) b'formola għal risposta vojta".

Illi ghalkemm l-intimat ma ghamel xejn min dan fir-risposta tieghu (dan ir-regolament qieghed hemm sabiex ma jinheliex hin f'kawzi ghalxejn u sabiex jigi identifikat mal-ewwel il-persuna li skond il-konvenut ghandha twiegeb ghat-Talba tar-rikorrenti), It-Tribunal pero qed jifhem li min-natura tal-provi mressqa mill-intimat, anke sa mill-ewwel seduta, l-persuna li huwa qieghed jghid li għandu jwiegeb ghat-Talba tar-rikorrenti hija s-soċjeta' Luxury Living Technologies. Dan gie konfermat mill-ewwel udjenza meta xehed Carlo Mifsud u assuma r-responsabbilta anke permezz ta' dokumenti ipprezentati, illi hu ghan-nom tas-socjeta Luxury Living Technologies kien ta l-istruzzjonijiet lill-ufficcju ta' l-attur.

Minkejja l-passitivita procedurali tal-konvenut, it-Tribunal wara li semgha x-xhieda prodotti u ra d-dokumenti pprezentati huwa tal-fehma illi l-konvenut ipprova l-eccezzjoni li mhux il-legittimu kontradittur. Kif inhu rikjest minnu legalment hu indika tramite l-ewwel xhud tieghu, illi l-kumpanija Luxury Living Technologies kellha titressaq bhala konvenuta.

Illi mill-provi pprezentati, it-Tribunal ma jistax jipprocedi bil-kawza fil-konfront tal-konvenut, meta l-istess attur u x-xhud tieghu jikkonfermaw li qatt ma tkellmu jew kellhom x jaqsmu mal-konvenut u ghaldaqstant ma hemm l-ebda rabta guridika bejn il-partijiet. Minbarra dan ma ngiebet l-ebda prova kif il-konvenut kien il-'mandant'. Ghaldaqstgant jirrizulta manifestament li l-konvenut ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u mhux l-legittimu kontradittur.

**Decide**

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut u jiddeciedi illi l-konvenut ma ghandu ebda relazzjoni guridika ma' l-attur u mhux l-legittimu kontradittur.

Spejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati mill-attur.

**Dr. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur